**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 23 – 24 ta' Awissu 2016**

***Minuti tal-23 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 24 ta' Awissu, 2016 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 23. Il-laqgha bdiet fis-6:10 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Grixti Alfred** | Vici-Sindku |
| | **Aquilina Roderick** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Hadd** | |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| | **Mr. Philip Edrick Zammit** | Ambaxxatur taz-Zghazagh |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**1a) Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Nru. 22**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha numru 22 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti .

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Chris Bongailas Clive Azzopardi, Vernalise Scicluna, Roderick Aquilina, Kevin Glynn, Philip Said u George Cortis.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-Minuti gew approvati (94).

**2. Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Il-Kunsillier Roderick Aquilina xtaq jippreciza li fir-rigward ta' WM Environmental huwa kien qal li kull kuntrattur li ma jaghmilx xogholu, minkejja li tkun ingibditlu l-attenzjoni ghandu jigi mwiddeb permezz ta' default notice.

2.2 Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li hu qed isiru diversi hsarat lill-bankina u lit-triq Sciortino minhabba ix-xogholijiet li qeghdin isiru fuq il-binja tal-iskola.

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-email li ntbaghtet minghand is-Sur Frans Ghirxi f'isem is-Sur Philip Rizzo li hu nkarigat mill-FTS, b'risposta ghall-email li ntbaghtet minnha stess dwar il-hsarat u l-makkinarju li jkun hemm minghajr il-permess tal-Kunsill.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-email tas-Sur Frans Ghirxi mhijiex denja u mhux mod kif is-Sindku ghandha tigi ttrattata.

Id-diskussjoni kompliet ghaddejja dwar it-talba li qed ikun hemm mill-Kap tal-Iskola sabiex parti minn Triq Sciortino tinghalaq waqt il-hin tad-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola. Il-Kunsill reggha qabel unanimament li mhux ser jaghti permess sabiex Triq Sciortino tinghalaq.

2.3 Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li qed ikun hemm diversi tgergir dwar is-servizz ta' tal-linja, u anke ghall-fatt li ghadha ma nstabitx soluzzjoni ghall-hrug minn Vjal il-Helsien. Huwa

essenzjali li jkun hemm Pulizija jissorvelja t-traffiku u li jaghti cans sabiex il-karozzi jinhargu minn Vjal il-Helsien.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li ma jiddejjaq xejn u jinzel jipprotesta fit-triq sabiex tinstab soluzzjoni darba ghal dejjem. It-traffic lights kienu mwieghda minn TM pero ghal xi raguni wara reggha dar kollox u dawn il-lights intqal li huwa mpossibli li jsiru.

2.4 Is-Sindku Sarah Agius tkelmet ma' TM fejn issuggeriet li l-venda tigi mcaqalqa minn Triq Patri Pelagju ghal Triq Karlu Gimach.

2.5 Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ghandu jkun hemm minibus li ddur mar-rahal sabiex twassal lill-passiggiera lejn tal-linja.

2.6 Kif kien issemma' f'laqgha precedenti kien hemm diversi talbiet sabiex isir reklamar minn kumpaniji privati. Il-Kunsill kien iddecieda li jsiru sa tlett reklami ma' kull sinjal tal-'Merhba Haz-Zebbug'. Dawn id-diversi kumpaniji kienu qed jitolbu lill-Kunsill il-prezzijiet.

Gie deciz li jekk il-kumpanija tkun tixtieq taghmel reklam u tkun esklussiva, jigifieri ikun hemm reklam wiehed mal-hames tabelli, l-ammont mitlub ghandu jkun ta' Eur7,000 ghal sena. L-istess kumpanija ghandha tinghata preferenza fit-tieni sena.
Sadanittant ghandu jigi deciz f'laqgha ohra kemm ghandu jkun l-ammont mitlub ghal tabella wahda.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar sit fi Mdina Road minghand kumpanija li tinsab biswit. Din il-kumpanija lesta li ttella cint sabiex dan il-plot ikun sikur u fl-istess hin ma jkunx qed ikerrah l-akwati.

3.2 Is-Sindku Sarah Agius semmiet korrispondenza mibghuta mill-MEPA dwar sit bla cint li ilu hafna hekk fi Triq Dun Salv Ciappara. Il-Mepa proponiet li l-ispejjez ghal dan ic-cint jittiehdu mill-UIF Funds. Il-Kunsill qabel unanimament li m'ghandhom jittiehdu l-ebda flus minn dawn il-fondi sabiex isiru cintijiet temporanji, izda li ghandhom ikunu s-sidien li jaghmlu tajjeb ghal dawn l-ispejjez.

3.3 Is-Sindku Sarah Agius semmiet il-konsultazzjoni on-line li ghandha ghaddejja sad-9 ta' Settembru 2016 dwar il-mixed use area li hemm Hal Mula.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li originarjament parti minn dik iz-zona kienet inbieghet bhala "casa bottega" jigifieri dar bil-garaxx. Min xtara, wara certu zmien bdew ibieghu l-garaxx ghalih u d-dar ghaliha. U ghalhekk qed jinqala dizgwid minhabba li x-xerrejja m'ghandhomx l-istess interessi.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li r-residenti ta' Triq Bartilmew Attard jixtiequ li jsir timed parking. Is-Sindku Sarah Agius u l-Vici-Sindku Alfred Grixti qalu li bhalissa dan mhux possibli li jinghata minhabba li l-kaz tat-timed parking qieghed bhalissa l-Qorti.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li din is-sitwazzjoni tista tigi mtejba biss jekk isir infurzar mill-awtoritajiet tal-Pulizija u mill-MEPA. Huwa sahaq li dan huwa xoghol li jistghu jaghmlu biss huma.

3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv gabet ghall-attenzjoni korrispondenza li ntbaghtet mid-Door Numbering Unit dwar l-innumerar fi Triq Karlu Gimach. Il-Kunsill qabel unanimament li dawk in-numru ezistenti ghandhom jibqghu l-istess. Jekk ikun hemm xi djar godda ghandhom jinghataw numri godda.

3.5 Is-Sindku Sarah Agius tkelmet dwar korrispondenza mibghuta minn Duminku Vella li jarma fil-Monti ta' Haz-Zebbug fejn dan gie mitlub li jiccaqlaq minn fejn jarma minhabba li jinsab vicin hafna tal-iskola. Huwa rrisponda lill-Kunsill permezz tal-Avukat tieghu fejn il-Kunsill gie mistoqsi jekk hux qed jigi mitlub li jiccaqlaq huwa biss jew inkella l-Monti kollu.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-bejjiegh ghandu jigi mcaqlaq ghal Triq Paris fejn il-pitch tal-Bocci.

3.6 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li kopja li ser tizzewweg u li ser tigi toqghod Haz-Zebbug xtaqet taghti donazzjoni ta' sigar u pjanti lil Haz-Zebbug. Il-pjanti ser jintuzaw sabiex tissebbah Vjal il-Helsien , filwaqt li s-sigar ser jithawlu f'Wied Qirda.

## 4. Bieb de Rohan

4.1 Is-Sindku Sarah Agius qalet li skont dak li ntqal mill-Perit Ellul waqt il-Konferenza Stampa li saret, ir-restawr ser jitlesta sal-ahhar ta' Novembru 2016. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li hu jista jghin billi jikkuntattja lil xi hadd mill-GHRC, biex jkunu jistghu jaghtuna kuntatt ta' xi hadd professjonali, sabiex Bieb de Rohan jigi mdawwal b'mod li jixraq.

4.2 Il-Vici-Sindku Alfred Alfred Grixti ssuggerixxa li l-ispejjez ghad-dawl ta' Bieb de Rohan jittiehdu mill-UIF Funds. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ispejjez ghal dawn id-dawl m'ghandhomx jeccedu Eur5,000. (95)

4.3 Il-Kunsill qabel unanimament li s-sigar taz-zebbug li hemm fejn Bieb de Rohan ghandhom jinqalghu u jitpoggew f'soft area ohra gewwa Haz-Zebbug stess. (96) Dan ghaliex l-gheruq qed jaghmlu diversi hsarat kemm lill-Bieb de Rohan stess kif ukoll lill-bankina tal-qawwi li hemm.

**5. <u>Sigra tal-Milied b' Materjal Irriciklat</u>**

5.1 Il-Kunsill qabel li ghall-Milied tal-2017 ghandi ssir sigra bi flixken tal-plastik irriciklat. Is-sigar taz-zebbug ta' madwar is-Salib tal-pjazza ghandhom ikunu ukoll mdawla. (97)

**6. <u>Latrini</u>**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li ftit zmien ilu, flimkien mas-Segretarju ezekuttiv, huija kienet mistiedna ghal-laqgha mas Sur Debono mill-Ministeru tat-Turizmu, fejn gie kkomunikat li kull latrina tal-gvern f'Malta ser tkun pprivatizzata u ghalhekk m'hiex ser tibqa f'idejn il-Kunsilli. L-istess jghodd ghal-latrina li hawn Haz-Zebbug. Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li la dan l-ezercizzju ser isir Malta kollha, Haz-Zebbug m'ghandux ikun ecezzjoni.

Is-Sindku kompliet tghid li ser issir manutenzjoni fil-latrina mill-kumpanija privata li ser tigi maghzula.

**7. <u>Bring-In-Sites</u>**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-BIS li hemm fi Triq il-Mithna u dik ta' hdejn is-St. Dorothy, jekk jibqghu hemm, dawn ghandhom jitwehhlulhom is-CCTV, minhabba li qed ikun hemm hafna abbuz ta' rimi bl-addocc. Qed issir komunikazzjoni mal-Greenpak f'dan ir-rigward.

**8. <u>One-Way fi Triq id-Duluri</u>**

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li ghal Triq id-Duluri u t-talba li saret sabiex din issir ssir One Way, ghandha tintalab l-opinjoni ta' TM, sabiex din issib l-ahjar soluzzjoni.

## 9. **Vot-Tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius resqet il-lista ta'pagamenti ghall-vot. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti.

Ittiehed vot. Il-Kunsilliera Vernalise Scicluna astjeniet minn punt nru 6, filwaqt li l-Kunsillier Roderick Aquilina astjena minn punti 1, 3 u 8.

Kien hemm qbil unanimu. (98)

## 9. Aggornament

Il-laqgha giet aggornata ghat-23 ta' Settembru 2016 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |